MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 572/2003

**Perit Alexander Bezzina u Perit Keith Cole f'isimhom propju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' BAC Ltd**

**Vs**

**Ray Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm517.50 (hames mija u sbatax il-lira maltin u hamsin centezmu) ghall-servizzi professjonali resi.**

**Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk**

**il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-kovnenut fl-24 ta' Novembru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------